FOND SOĊJALI EWROPEW
MALTA 2007-2013
Ninvestu fil-futur tiegħek

# Il-qagħda kurrenti ta' persuni b'diżabilità b'imġiba diffiċli ħafna f'Malta

SOMMARJU EŻEKUTTIV 2012 ESF 3.105

## Nippromwovu l-inklużjoni soċjali ta' persuni b'diżabilità b'imġiba diffiċli ħafna

KUMMISSJONI NAZZJONALI PERSUNI B'DIŻABILITÀ

www.knpd.org

# Il-qagħda kurrenti ta’ persuni b’diżabilità b’imġiba diffiċli ħafna f’Malta

Nippromwovu l-inklużjoni soċjali ta’ persuni b’diżabilità b’imġiba diffiċli ħafna

**SOMMARJU EŻEKUTTIV** **ESF 3.105**

Din ir-riċerka hi studju dettaljat tal-kwalità tal-ħajja ta’ persuni b’diżabilità b’imġiba diffiċli ħafna. Il-persuni b’diżabilità li għandhom imġiba diffiċli ħafna huma fost l-aktar nies li qegħdin f’riskju li jitwarrbu mis-soċjetà, mill-edukazzjoni u t-taħriġ u mis-suq tax-xogħol.

“Imġiba diffiċli ħafna” hu terminu kumpless li jiġbor fih numru ta’ mġibiet differenti li jistgħu jkunu ta’ detriment għall-persuna b’diżabilità nnifisha u għal dawk ta’ madwarha. L-imġiba diffiċli ħafna tista’ tkun imfissra bħala:

*‘imġiba li mhix meqjusa normali, u li l-intensità, il-frekwenza u d-dewmien tagħha jpoġġu s-sigurtà fiżika tal-persuna jew ta’ oħrajn f’periklu serju, jew hi mġiba li tillimita jew tneħħi l-aċċess tal-persuna għall-faċilitajiet ordinarji tal-komunità’* [1]

L-imġiba diffiċli ħafna tista’ tkun tentattiv minn persuna biex tikseb il-kontroll ta’ dinja li ma tkunx ċara għaliha. F’każi severi, din l-imġiba tista’ twassal għal korriment fatali, bħal ħsara fil-moħħ, b’riżultat ta’ tisbit tar-ras. Madankollu, f’ħafna każijiet l-imġiba tkun minima jew moderata, iżda din xorta waħda tista’ toħloq sofferenza u tiddisturba lil dawk kollha affettwati. Il-popolazzjoni f’Malta ta’ persuni b’diżabilità li għandhom imġiba diffiċli ħafna u li qed jirċievu servizz hi stmata li hi ’l fuq minn 1,000.

Din ir-riċerka saret bħala parti mill-proġett ‘Nippromwovu l-inklużjoni soċjali ta’ persuni b’diżabilità b’imġiba diffiċli ħafna’ (ESF3.105), kofinanzjat mill-Fond Soċjali Ewropew (FSE). Dan il-proġett għandu l-għan li jipprovdi taħriġ lill-istaff tal-organizzazzjonijiet li jaħdmu mal-persuni b’diżabilità b’imġiba diffiċli ħafna. Fi tmiem it-taħriġ, l-istaff se jkun jista’ jħarreġ membri oħra tal-istaff fl-organizzazzjonijiet rispettivi tagħhom. Ir-riżultati ta’ din ir-riċerka huma maħsuba li jdawlu t-termini ta’ referenza tas-sejħa għall-offerti għat-taħriġ imsemmi.

Ir-riċerka, li saret permezz ta’ għadd ta’ intervisti wiċċ imb wiċċ, bejn Mejju u Ġunju 2012, hi bbażata fuq dawn iż-żewġ kampjuni tal-popolazzjoni:

- 100 persuna b’diżabilità b’imġiba diffiċli ħafna jew il-persuni ewlenin li jieħdu ħsiebhom. Żewġ persuni b’diżabilità pparteċipaw b’mod attiv fl-intervista. Fl-intervisti l-oħra kollha, il-persuna b’diżabilità kienet irrappreżentata mill-persuna ewlenija li tieħu ħsiebha (il-ġenitur jew qarib jew care worker).
- 100 persuna li jaħdmu ma’ persuni b’imġiba diffiċli ħafna.

Importanti ngħidu li numru ta’ ġenituri li ħadu sehem fl-istħarriġ, irrifjutaw jew għall-ewwel aċċettaw iżda mbagħad irrifjutaw li jieħdu sehem meta ġew infurmati li r-riċerka kienet tiffoka fuq il-persuni b’diżabilità b’imġiba diffiċli ħafna . F’ċerti ċirkustanzi dawn il-ġenituri speċifikaw li huma ma jqisux li t-tifel jew it-tifla tagħhom għandu/ha ‘imġiba diffiċli ħafna’. Mill-119-il ġenitur li ġew mitluba jieħdu sehem, il-kampjun tal-popolazzjoni finali ta’ 100 persuna qiegħed imfisser f’Tabella 1, hawn taħt.

Ma kienx hemm diffikultà biex il-membri tal-istaff li jaħdmu mal-persuni b’diżabilità b’imġiba diffiċli ħafna jkunu inklużi fil-kampjun tal-popolazzjoni. Il-membri tal-istaff identifikati ġew magħżula b’invit maħruġ mir-riċerkatur li ntbagħat lill-organizzazzjonijiet konċernati li kienu identifikati mill-KNPD.

1 Traduzzjoni minn E. Emerson’s (1995) *Challenging behaviour: analysis and intervention with people with learning difficulties* (Cambridge University Press)

## IL-PERSUNI B'DIŻABILITÀ B'IMĠIBA DIFFIĊLI ĦAFNA JEW DAWK LI JIEĦDU ĦSIEBHOM

Tabella 3 turi l-età u l-ġeneru (sess) tal-kampjun tal-popolazzjoni (n=100). Kif indikat f'Tabella 3, hawn taħt, 10 mill-persuni b'diżabilità ta' bejn l-40 u s-70 sena huma nisa – jew 66.6% tal-persuni b'diżabilità f'din il-kategorija. Mill-banda l-oħra, 55 mill-85 persuna b'diżabilità fil-kategorija ta' bejn iż-0 u d-39 sena huma rġiel – jew 64.7% tal-persuni b'diżabilità f'din il-kategorija.

Il-lokalità bl-akbar numru ta' parteċipanti qiegħda fin-naħa t'isfel tal-port (29%). Warajha hemm in-naħa ta' fuq tal-port u n-naħa ta' fuq ta' Malta, rispettivament – it-tnejn bi 18% tal-popolazzjoni sħiħa. Tabella 4 tirrappreżenta l-persuni b'diżabilità u l-lokalitajiet – il-lokalitajiet huma klassifikati f'distretti skont il-Kodiċi Ġeografiku ta' Malta.[2]

**Tabella 1: Rappreżentazzjoni ta' Kampjun ta' Persuni b'Diżabilità**




**Tabella 2: Rappreżentazzjoni ta' Kampjun ta' Membri tal-Istaff**




In-numru totali ta' persuni b'diżabilità li joqogħdu Għawdex hu ta' 13. Kif muri f'Tabella 5, 8 persuni b'diżabilità, jew 61.5% tal-kampjun ta' Għawdex (n=13) jew 8% tal-kampjun totali (n=100), huma nisa. Mis-6 persuni b'diżabilità li jaqgħu fil-kategorija ta' bejn it-30 u s-70 sena jew aktar, 5 huma nisa – 38.46% tal-kampjun ta' Għawdex jew 5% tal-kampjun totali.

Tabella 6 turi li 74% tal-persuni b'diżabilità jgħixu d-dar mal-ġenituri tagħhom (jew ma' qraba oħra) filwaqt li 26% tal-persuni b'diżabilità jgħixu f'residenza jew f'istituzzjoni jew f'ambjent li joffri għajnuna. Il-maġġoranza tal-persuni b'diżabilità ta' bejn iż-0 u d-29 sena jgħixu mal-ġenituri tagħhom, u n-numru ta' persuni b'diżabilità li jgħixu f'residenza jew f'istituzzjoni jew f'ambjent li joffri għajnuna jiżdied malli l-persuna b'diżabilità b'imġiba diffiċli ħafna tikber fl-età.

2 Lokalitajiet

| | |
|---|---|
| In-naħa t'isfel tal-Port il-Kbir | Ħaż-Żabbar, ix-Xgħajra, il-Belt Valletta, Ħal Tarxien, Santa Luċija, Raħal Ġdid, il-Marsa, Ħal Luqa, il-Kalkara, l-Isla, il-Furjana, il-Fgura, Bormla, il-Birgu. |
| In-naħa ta' fuq tal-Port il-Kbir | Ta' Xbiex, is-Swieqi, Tas-Sliema, Santa Venera, San Ġwann, San Ġiljan, Ħal Qormi, Tal-Pietà, Pembroke, l-Imsida, il-Ħamrun, il-Gżira, Birkirkara. |
| Ix-Xlokk ta' Malta | Iż-Żurrieq, iż-Żejtun, Ħal Safi, il-Qrendi, l-Imqabba, Marsaxlokk, Wied il-Għajn, Ħal Kirkop, il-Gudja, Ħal Għaxaq, Birżebbuġa. |
| Il-Punent ta' Malta | Ħaż-Żebbuġ, is-Siġġiewi, ir-Rabat, l-Imtarfa, l-Imdina, Ħal Lija, l-Iklin, Ħad-Dingli, Ħal Balzan, Ħ'Attard. |
| It-Tramuntana ta' Malta | San Pawl il-Baħar, in-Naxxar, il-Mosta, l-Imġarr, il-Mellieħa, Ħal Għargħur. |
| Għawdex u Kemmuna | Ir-Rabat, it-Triq tal-Għajn (il-Fontana), Għajnsielem u Kemmuna, l-Għarb, l-Għasri, Ta' Kerċem, il-Munxar, in-Nadur, il-Qala, San Lawrenz, Ta' Sannat, ix-Xagħra, ix-Xewkija, u ż-Żebbuġ. |

**Tabella 3: Il-Profil tal-Persuni b'Diżabilità skont l-Età u l-Ġeneru**




**Tabella 4: Profil tal-Persuni b'Diżabilità Skont il-Lokalità li Joqogħdu Fiha**




**Tabella 5: Il-Ġeneru tal-Persuni b'Diżabilità li Jgħixu Għawdex**




Ir-relazzjoni ta' bejn il-persuna b'diżabilità u l-persuna ewlenija li tieħu ħsiebha hi hekk: 70 persuna b'diżabilità jgħixu mal-ġenituri tagħhom, 4 ma' qrabathom u 26 huma megħjuna mill-membri tal-istaff f'residenzi fil-komunità jew istituzzjonijiet.

In-numru ta' nisa li jgħixu mal-ġenituri tagħhom jew ma' membri oħra tal-familja u ta' dawk li jgħixu f'residenzi jew istituzzjonijiet jew f'ambjenti li joffru l-għajnuna huwa 25 u 15 rispettivament.

Mit-13-il persuna b'diżabilità li jgħixu Għawdex, 12 minnhom jgħixu mal-ġenituri tagħhom u persuna waħda tgħix f'ambjent li joffri l-għajnuna. Fil-każijiet kollha l-persuna ewlenija li tieħu ħsieb hija l-ġenitur.

Tabella 7 turi n-numru totali tan-nuqqasijiet u/jew kundizzjonijiet li għandhom il-persuni b'diżabilità. L-aktar kundizzjoni komuni hi l-awtiżmu (42), segwit minn forom ta' nuqqas ta' saħħa mentali oħra (16) nuqqas intellettwali (12).

Tajjeb ninnutaw li 73 persuna b'diżabilità għandhom nuqqas u/jew kundizzjoni waħda; 22 għandhom żewġ nuqqasijiet u/jew kundizzjonijiet; u 5 għandhom 3 nuqqasijiet u/jew kundizzjonijiet.

## Tabella 6: L-Età tal-Persuna b'Diżabilità u l-Post ta' Residenza




## Tabella 7: In-Numru Totali ta' Nuqqasijiet u/jew ta' Kundizzjonijiet tal-Persuni b'Diżabilità




## Tabella 8: In-Numru ta' Nuqqasijiet u/jew Kundizzjonijiet ta' Kull Persuna b'Diżabilità




## Tabella 9: In-Numru Totali ta' Sinjali Identifikati




## Tabella 10: In-Numru ta' Sinjali għal kull Persuna b'Diżabilità




## Tabella 11: Kif Iqattgħu Ħinhom Matul il-Ġurnata l-Persuni b'Diżabilità



Mir-riċerka joħroġ li 8 persuni b'diżabilità ma wrewx sinjali ta' mġiba diffiċli ħafna fiż-żmien li fih sar l-istħarriġ. Tnejn u disgħin persuna b'diżabilità kellhom sinjal wieħed jew aktar ta' mġiba diffiċli ħafna. In-numru totali ta' sinjali li jesperjenzaw il-persuni b'diżabilità hu ta' 134. L-aktar sinjal komuni hu dak tal-imġiba aggressiva – 36 b'aggressjoni fiżika, 17 b'aggressjoni verbali u 14 b'aggressjoni ġenerali li hi definita bħala sinjal aggressiv minimu jew rari.

Disgħa u ħamsin mill-persuni b'diżabilità li ħadu sehem fl-istħarriġ jesperjenzaw sinjal wieħed ta' mġiba diffiċli ħafna, filwaqt li 22 jesperjenzaw tnejn.

It-tabella t'hawn taħt turi fejn iqattgħu l-maġġoranza tal-jum tagħhom il-persuni b'diżabilità b'imġiba diffiċli ħafna.

Ta' min jinnota li mill-100 persuna b'diżabilità li ħadu sehem fl-istħarriġ, ħadd ma jattendi xi tip ta' programm ta' għajnuna. Tnejn u erbgħin mill-intervistati jieħdu sehem f'attività soċjali u rikreattiva – li tikkonsisti f'għażla wiesgħa ta' attivitajiet.

L-istħarriġ juri li 24 mill-persuni b'diżabilità intervistati ma jeħtiġux għajnuna biex ikunu jistgħu jagħmlu l-attivitajiet bżonnjużi tagħhom ta' kuljum – għalkemm kien hemm numru ta' persuni li stqarrew li jeħtieġu ammonti differenti ta' għajnuna jew superviżjoni. Disgħa  (37.5%) minn dawn il-persuni b'diżabilità jgħixu Għawdex. Is-76 persuna l-oħra jeħtieġu 307 tipi ta' għajnuna kuljum – li, bħala medja, ifisser li persuna b'diżabilità teħtieġ 4 tipi ta' għajnuna kuljum. It-tip ta' attivitajiet differenti ta' matul il-ġurnata li għalihom hemm bżonn sapport mill-kampjun tal-popolazzjoni (n=74) qegħdin spjegati fit-tabella t'hawn taħt. Tnejn u ħamsin fil-mija tal-ħtiġijiet ta' kuljum huma marbuta ma' 3 attivitajiet bażiċi: il-ħasil, l-ilbies u l-ikel. L-għajnuna fil-komunikazzjoni hi ta' 26% tal-ħtiġijiet għall-attivitajiet differenti ta' kuljum; filwaqt li l-għajnuna għall-ħruġ hi ta' 14% tal-ħtiġijiet ta' kuljum. Il-kategorija 'Oħrajn' tinkludi attivitajiet bħall-għajnuna fit-tqassim tal-flus.

Wieħed u sebgħin persuna ewlenija li jieħdu ħsieb il-persuni b'diżabilità rrispondew għall-mistoqsija dwar it-titjib u/jew it-tħassib. Mid-29 parteċipant li ma pparteċipawx, 8 huma ġenituri jew qraba u 2 huma persuni b'diżabilità li pparteċipaw b'mod dirett fl-intervista. Id-19 l-oħra li ma tawx tweġiba, huma membri tal-istaff li jieħdu ħsieb il-persuni b'diżabilità f'residenza fil-komunità

**Tabella 12: Tipi ta' Ħtiġijiet għall-Attivitajiet ta' Kuljum**



jew f'ambjent istituzzjonali. Ħafna minn dawk li rrispondew, taw aktar minn rakkomandazzjoni waħda u/jew tħassib wieħed.

## L-ISTAFF LI JAĦDEM MAL-PERSUNI B'DIŻABILITÀ B'IMĠIBA DIFFIĊLI ĦAFNA

Il-membri kollha tal-istaff jiddeskrivu sitwazzjonijiet u avvenimenti li huma uniċi f'diversi aspetti. Jaqsmu wkoll l-istess ħsibijiet, esperjenzi u fehmiet fuq l-iżvilupp soċjali u emozzjonali tal-persuni b'diżabilità. B'mod ġenerali, il-professjonisti f'dan l-istħarriġ saħqu kemm-il darba kif huma jagħmlu sforz biex jittrattaw lill-persuni b'diżabilità b'mod ġust, u kif iħeġġu fihom il-kunfidenza billi jipprovdulhom ambjent li hu sigur, mimli mħabba u inkoraġġiment. Tmenin fil-mija tal-persuni intervistati għal din ir-riċerka huma nisa.

Kienet osservata xejra simili għall-membri tal-istaff f'Għawdex.

**Tabella 13: Il-Ġeneru tal-Membri tal-Istaff**




**Tabella 14: Il-Ġeneru ta' Dawk li Jieħdu Ħsieb il-Persuni b'Diżabilità f'Għawdex**




83% tal-membri tal-istaff intervistati jemmnu li, meta taħdem mal-persuni b'diżabilità b'imġiba diffiċli ħafna, l-aktar mod effiċjenti u li jgħinhom hu li jżommu l-kalma. Fit-tabella li jmiss issib ħarsa ġenerali tal-fehmiet tagħhom fuq li jieħdu ħsieb il-persuni b'diżabilità b'imġiba diffiċli ħafna .

Il-membri tal-istaff, b'mod ġenerali, jaqblu li meta jkun hemm moniteraġġ effettiv tat-tibdiliet fl-imġiba (73%), meta jingħata tagħlim lill-persuni b'diżabilità dwar modi ġodda ta' kif jagħmlu l-affarijiet (72%), meta jqisu lill-persuni b'diżabilità bħala individwi (76%), meta jippjanaw kuljum il-ħarsien tal-persuni b'diżabilità (76%), meta jaġixxu b'mod kalm (83%) u meta jqattgħu l-ħin magħhom (64%), dan ikun ta' benefiċċju għall-persuni b'diżabilità b'imġiba diffiċli ħafna.

Il-membri tal-istaff li ħadu sehem f'din ir-riċerka jsemmu wkoll li l-valuri u d-dixxiplina tal-ġenituri tal-persuni b'diżabilità huma importanti għall-modi u r-rispons tagħhom mal-persuni b'diżabilità.

Il-membri tal-istaff, b'mod ġenerali, huma kunfidenti mill-mod ta' kif jimxu mal-persuni b'diżabilità b'imġiba diffiċli ħafna. Kienu biss 9 nisa u raġel li ħassew nuqqas ta' 'ftit' kunfidenza.

Hemm diversi modi li bihom il-membri tal-istaff jaslu biex jaħdmu mal-persuni b'diżabilità b'imġiba diffiċli ħafna u t-tabella li jmiss tagħti ħarsa ġenerali tal-kwalifiki miksuba minn dawn il-professjonisti.

**Tabella 15: Kif l-istaff jaħdem mal-Persuni b'Diżabilità**



Il-membri tal-istaff li m'għandhom l-ebda kwalifika jirreferu għall-esperjenza fis-settur biex jagħmlu tajjeb għan-nuqqas ta' kwalifiki professjonali. Ta' min jinnota wkoll li l-firxa ta' dawn il-kwalifiki professjonali hi wiesgħa eż. gradi fit-tagħlim u fil-psikoloġija. Wara l-ewwel kwalifika tagħhom, 76% tal-professjonisti rċivew taħriġ speċjalizzat fil-qasam tal-imġiba diffiċli ħafna relatat max-xogħol tagħhom.

## KONKLUŻJONI

Dan l-istħarriġ fittex li jippreżenta għarfien dwar il-persuni b'diżabilità b'imġiba diffiċli ħafna, u permezz ta' dan l-għarfien qed jipprovdi informazzjoni li għandha twassal biex ikun hemm tfassil ta' politika kif jixraq.

Qed jitniżżlu wkoll numru ta' osservazzjonijiet li għandhom jiġu kkunsidrati fit-tfassil tal-politika għall-persuni b'diżabilità b'imġiba diffiċli ħafna. Qabelxejn, hemm it-tħassib, jekk mhux il-biża', fost il-ġenituri li t-tifel jew it-tifla tagħhom jingħataw it-tikketta ta' persuna b'imġiba diffiċli ħafna. Id-diffikultà li nstabet biex intlaħaq kampjun xieraq ta' 100 persuna, kif ukoll l-istqarrijiet tal-persuni f'dan ir-rigward jindikaw li jekk persuna b'diżabilità tingħata t-"tikketta" li għandha mġiba diffiċli ħafna, allura din il-persuna tkun "stigmatizzata" u aktarx titqies bħala persuna illiterata.

Waħda mill-istqarrijiet li taw il-ġenituri hi dwar il-ħtieġa li s-soċjetà inġenerali u l-entitajiet speċifiċi (bħall-iskejjel) ikunu edukati fuq l-imġiba diffiċli ħafna ħalli l-persuni b'diżabilità jkunu mifhuma aħjar u jitħallew jintegraw aktar. Barra minn hekk, saret enfasi fuq il-ħtieġa li l-ġenituri nnifishom ikunu mħarrġa fuq kif jistgħu jirrelataw bl-aħjar mod mat-tifel jew it-tifla b'imġiba diffiċli ħafna , u biex l-istess ġenituri jingħataw l-għajnuna meħtieġa u perjodi ta' mistrieħ. Dan għaliex li timmaniġġja mġiba diffiċli ħafna tista' tkun ħaġa li "tgħejjik" u "tkissrek". Tajjeb ninnutaw li din l-osservazzjoni saret ukoll mill-memri tal-istaff.

It-tieni, barra minn hekk, il-persuni b'diżabilità li jgħixu Għawdex huma mħarsa kollha mill-familja tagħhom, u bl-eċċezzjoni ta' persuna waħda b'diżabilità li tgħix f'ambjent li jaghti sapport, jgħixu kollha f'darhom. Tajjeb ninnutaw li 3 (23.1%) mill-ġenituri tal-persuni b'diżabilità li jgħixu Għawdex jirrimarkaw li f'Għawdex m'hemmx faċilitajiet li

**Tabella 16: Il-Kunfidenza tal-Membri tal-Istaff Skont il-Ġeneru Tagħhom**




**Tabella 17: Taħriġ miksub mill-Membri tal-Istaff**




joffru l-għajnuna u li l-ġenituri tal-persuni b'diżabilità jistgħu jirrikorru għalihom.

It-tielet, hemm bżonn li tingħata aktar attenzjoni għan-nuqqas ta' strutturi ta' sapport għall-ġenituri u għall-persuni b'diżabilità f'attivitajiet soċjali u ta' mistrieħ, kif ukoll f'attivitajiet extrakurrikulari. Tqajjem kemm-il darba l-fatt li tfal b'diżabilità huma restritti li joqogħdu d-dar jew fir-residenza tagħhom għal ħinijiet twal u dan qed iżid il-livell ta' frustrazzjoni u, jista' jagħmel l-imġiba aktar diffiċli.

L-osservazzjonijiet li ġejjin ġew innutati wkoll fuq il-membri tal-istaff. L-ewwel nett, dawk li jieħdu ħsieb il-persuni b'diżabilità għamlu suġġeriment li għandu jkun ikkunsidrat b'mod serju – li hemm bżonn ta' żvilupp ta' faċilitajiet għat-taħriġ tal-professjonisti. Dan għandu jsir fuq suġġetti speċifiċi bħall-imġiba diffiċli ħafna. Ir-rimarki li ntqalu fl-intervisti, bħal: "hi ħaġa vera frustranti" jew "ma kontx naf xi rrid nagħmel" juru li, jekk ikunu offruti, il-parteċipanti jistgħu biss jibbenifikaw mit-taħriġ, jew minn żvilupp professjonali fl-immaniġġjar tal-imġiba u minn ħtiġijiet speċifiċi ta' kull tip ta' nuqqas jew kundizzjoni .

**Tabella 18: Taħriġ Speċjalizzat relatat max-Xogħol**




**Taħriġ Speċjalizzat**

It-tieni, kien propost li għandu jkun hemm aktar tqassim tar-riżorsi li diġà jeżistu ħalli l-membri tal-istaff tal-isptar ikollhom aktar aċċess għall-persuni b'diżabilità fid-dar. Ilment komuni li jsir mill-ġenituri hu dwar l-aċċess għas-servizzi – kemm fuq is-servizzi limitati tal-istat; fuq il-ħtieġa li dan ikun ikkumplimentat b'servizzi li jqumu ħafna flus jew b'għajnuna minn għaqdiet mhux governattivi jew sessjonijiet privati ma' terapisti; kif ukoll fuq it-tul ta' ħin biex it-tifel jew it-tifla jittieħdu għat-terapija u jinġiebu lura, speċjalment jekk il-ġenitur ma jkollux karozza privata. Il-membri tal-istaff ħassew li tant għandhom firxa wiesgħa ta' persuni b'diżabilità li l-għarfien dwar ix-xogħol tagħhom ħafna drabi mhux dejjem ikun jista' jilħaq lill-persuni b'diżabilità u lill-ġenituri tagħhom bl-aħjar mod.

It-tielet, kien propost li hemm bżonn ta' programm ta' taħriġ li jipprovdi taħriġ fil-prattika tar-riflessjoni. Il-membri tal-istaff li ġejjin mill-qasam tal-edukazzjoni jew minn programmi tal-psikoloġija għandhom jingħataw għarfien fuq it-taħriġ riflettiv ta' tagħlim ħalli jkunu jistgħu jkomplu jiżviluppaw il-prattiċi ta' ħidma mal-persuni b'diżabilità b'imġiba diffiċli ħafna. Dan jista' jsir b'ħolqa mal-istrutturi li joffru l-għajnuna fi ħdan l-organizzazzjonijiet. L-istaff ta' skola partikolari rrapporta li hemm bżonn ta' ħtieġa kbira għal strutturi ta' għajnuna għall-professjonisti li jaħdmu fis-settur tad-diżabilità, ħalli jkunu jistgħu jaqsmu l-esperjenzi tagħhom u jitgħallmu minn xulxin.

**Kummissjoni Nazzjonali**
**Persuni b'Diżabilità**
Buġeia Institute, Triq Braille
Santa Venera, SVR1619
Tel: 2278 8555
Fax: 2278 8490
SMS biss: 7978 8555
Email: helpdesk@knpd.org

**www.knpd.org**

**Facebook: www.facebook.com/knpd.malta**
**Twitter: twitter.com/KNPDmalta**

Programm Operattiv II – Politika ta' Koeżjoni 2007-2013
*Insaħħu ħilietna għal Aktar Impjiegi u Kwalità ta' Ħajja Aħjar*
Proġett parzjalment iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea
Fond Soċjali Ewropew (FSE)
Rata ta' Ko-finanzjament: 85% Fondi UE; 15% Fondi Nazzjonali

***Ninvestu fil-futur tiegħek***